# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 346

KAZ NRU. 480

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Charles Fenech

u

Tessons Tourist Services Ltd.
kif rapprezentata mis-Sur Andrew Sullivan

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 7 ta' Dicembru 1989

Chairman : Dr Richard Camilleri LL.D., LL.M.(Lond.)

## I. PRELIMINARI

Illi dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Ministru tal-Politika Socjali permezz ta' ittra tal-24 ta' Jannar 1989;

Illi fl-istqarrija tal-kaz, l-appellant iddikjara illi hu kien jahdem fl-Axis Disco u kellu kuntratt definittiv ta' tlett snin li beda fl-1 t'April 1988 u huwa validu sal-31 ta' Marzu 1991; illi fit-30 ta' Lulju 1988 hu gie nfurmat mill-kumpannija appellata li ma kelliex aktar htiega tas-servizzi tieghu u ma nghatax l-ebda raguni ta' xejn, hlief li l-Managing Director Mr Joe Dermanin Demajo qallu "The company cannot afford you";

Illi fl-4 t'Ottubru 1988 l-istess kumpannija taghtu f'idu certifikat ta' terminazzjoni ta' mpieg datat 16 t'Awissu 1988 li fih gie allegat li tkecca ghaliex m'ghamilx duties tieghu bhala head barman;

Illi huwa jsostni li t-tkeccija ma kienetx gustifikata taht l-ebda cirkustanza u li ghandu jigi kompensat gustament skond il-ligi u jitlob li t-Tribunal jikkundanna lil Andrew Sullivan

/.....

bhala Direttur u ghan-nom u in rappreżentanza ta' Tessons Tourist Services Ltd., biex ihallsu l-kumpens kollu li t-Tribunal ihoss li huwa xieraq u biex jottempera ruhu ma kull direttiva ohra li t-Tribunal ihoss li jkun xieraq li jaghti.

Illi l-kumpannija appellata naqset li tipprezenta l-istqarrija tal-kaz taghha.

Illi, qabel xejn, dan it-Tribunal irid jiddeciedi jekk ghandux kompetenza biex jisma' dan il-kaz in vista tal-fatt li l-kaz jikkoncerna kuntratt ta' xoghol ghal zmien definit.

Illi l-appellant ipprezenta nota ta' osservazzjonijiet dwar il-punt fuq imsemmi fejn irrileva illi l-artikolu 23 tal-Att XXX ta' l-1976 ma jeskludix specifikament il-kompetenza tat-Tribunal rigward kuntratti ta' xoghol ghal zmien definit mentri ghal kuntrarju dan l-artiklu jeskludi bi kliem specifiku l-kompetenza f'kaz ta' heddiema fis-settur pubbliku, fit-trasport jew tal-port; illi fl-istess artiklu m'hemmx limitazzjoni ghal kelma "haddiem" u li ghalhekk il-legislatur ried jaghti rimedju ghal kull haddiem li jitkecca mix-xoghol minghajr raguni valida.

Illi wara li kkunsidra l-atti kollha tal-kaz, it-Tribunal huwa f'posizzjoni li jiddeciedi kif ser jinghad.

II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi jinghad, qabel xejn illi l-kwistjoni in ezami hija wahda purament legali ghaliex m'hemmx dubbju, anke ghaliex dikjarat mill-appellant stess fl-istqarrija tal-kaz tieghu li l-impieg tieghu li hu qed jallega gie mitmum ingustament kien fuq bazi ta' kuntratt ghal zmien definit.

/.....

Illi dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal ghat-tenur tal-artiklu 28 (2) tal-Att XXX ta' l-1976, kif anke hemm dikjarat fl-ittra tal-Ministru tal-24 ta' Jannar 1989. Dan l-artiklu jiddisponi li meta jigi allegat li haddiem ikun tkecca b'mod ingust minn principal, il-kaz ghandu jintbaghat mill-Ministru lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu.

Illi l-artiklu 23 (2) tal-istess ligi jiddisponi li t-Tribunal Industrijali ghandu "l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta .... u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra.

Illi l-kliem uzat mill-ligi huwa car u cioe' li t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni esklussiva f'kazijiet ta' tkeccija ngusta. Il-kompetenza tat-Tribunal, ghalhekk tiddependi fuq id-definizzjoni tal-kliem "tkeccija ngusta" liema definizzjoni hija moghtija fl-artiklu 2 tal-ligi u cioe' "tkeccija ngusta" dwar haddiem, tfisser it-temm mill-principal dwar dak il-haddiem ta' kuntratt ta' mpieg ghal zmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skond kif tifttiehem fl-Att hawnhekk izjed 'l quddiem imsemmi) li jkun temm li ......"

Illi t-Tribunal josserva li l-element principali tad-definizzjoni huwa li t-temm ta' mpieg jirriferixxi ghal kuntratt ta' mpieg ghal zmien stabbilit. Il-kliem uzat
1 mhux
huwa car u minghajr ambigwita' u ma jaghtix lok ghall-interpretazzjoni.

Illi t-Tribunal ma jistax jaqbel mas-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-appellant. Il-legislatur ma

kellux ghalfejn jeskludi kuntratti ta' mpieg ghal zmien definit bi kliem specifiku fl-artiklu 23 ghaliex il-bazi ta' dan l-artiklu huwa l-kliem "tkeccija ngusta" li skond id-definizzjoni tal-ligi ma tistax tirreferi ghal kuntratti ta' xoghol ghal zmien stabbilit. Bil-proviso, imbaghad, il-ligi teskludi certu haddiema mill-ambitu tal-artiklu. L-effett tal-proviso hu li f'dawn il-kazijiet anke jekk l-impieg huwa ghal zmien mhux stabbilit, it-Tribunal m'ghandux kompetenza xorta wahda.

Illi quddiem il-kliem inekwivoci wzati mill-ligi t-Tribunal ma jhossx li hemm bzonn li isir indagini dwar x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur minn cirkostanzi ohra. Pero' jista' jinghad li c-cirkostanzi jindikaw li l-ligi riedet teskludi t-temm ta' kuntratt ta' mpieg ghal zmien stabbilit mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghalhekk f'kazijiet ta' tkeccija mill-impieg ir-rimedju li jista' jaghti t-Tribunal huma stabbiliti mill-ligi (artiklu 33) bhala ordni biex l-impjegat jerga' jidhol fl-impieg jew jerga' jigi mpjegat jew ghoti ta' kumpens. Il-konsegwenza ta' temm ta' mpieg ghal zmien stabbilit huwa definit f'termini cari fl-artiklu 34 (11) tal-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg (Kap.135) bhala l-hlas ta' nofs il-paga ghar-rimanenti perjodu tal-kuntratt; m'hemm lok ghal ebda diskrezzjoni la fit-tip ta' rimedju u l-anqas fil-"quantum" tal-kumpens kif kontemplat fl-artiklu 33 tal-Att XXX ta' l-1976.

## III. KONKLUZJONI

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, t-Tribunal jiddikjara li m'ghandux kompetenza biex jisma' u jiddeciedi dan il-kaz.

RICHARD CAMILLERI
CHAIRMAN

ALDO TESTONE
SEGRETARJU

SEGRETARJU
TRIBUNAL INDUSTRIALI